

Brussell, 12 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

Fajls Interistituzzjonali:
2018/0094(NLE)
2018/0093(NLE)

7968/1/18
REV 1

WTO 72
SERVICES 21
COASI 89

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore – Adozzjoni Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore – Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

1. Fit-18 ta' April 2018, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill:
 - a) proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore (dok. 7966/18 + ADD 1-13); u
 - b) proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore (dok. 7967/18 + ADD 1-13).
2. Il-proposti ġew eżaminati mill-Kumitat tal-Politika Kummerċjali fil-laqgħat tiegħu tal-20 ta' April, is-27 ta' April, it-8 ta' Mejju u t-18 ta' Mejju 2018, kif modifikati, biex jitqiesu għadd ta' aġġustamenti meħtieġa.

3. Għalhekk, soġġett għal konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill hu mistieden biex:

- jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u mniżżla fid-dokumenti 7970/18 WTO 74 SERVICES 23 COASI 91 u 7972/18 WTO 76 SERVICES 25 COASI 93 + ADD 1 - 5 + ADD 3 COR 1 + ADD 4 COR 1 + 7972/18 REV 1;
- jinnota li l-Parlament Ewropew ser jiġi informat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, u li d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew;
- jiddeċiedi li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u mniżżel fid-dokumenti 7971/18 WTO 75 SERVICES 24 COASI 92 u 7972/18 WTO 76 SERVICES 25 COASI 93 + ADD 1 - 5 + ADD 3 COR 1 + ADD 4 COR 1 + 7972/18 REV 1, lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu;
- idaħħal fil-minuti tiegħu d-dikjarazzjonijiet li jinsabu fl-addendum għal dan id-dokument.